MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 651/2005

**James Camilleri & Son Limited**

**vs**

**Nicholas Farrugia**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Marzu 2005 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u zewg liri Maltin (Lm602.00) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u debitament ikkonsenjata mis-socjeta' attrici lill-konvenut.
Bl-imghax legali u bl-ispejjes, komprizi dawk tal-mandati ta' qbid u ta' sekwestru prezentati kontestwalment mal-Avviz, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa s-segwenti:-

1. Illi preliminarjament l-attur irid jindika ghall-liema konsenja tirreferi t-talba tieghu.

2. Illi l-konvenut m'ghandu xejn pendenti mal-attur u ghalhekk m'hu dovut l-ebda ammont.

3. Salv eccezzjonijeit ulterjuri.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Peter Fenech u ta' James Camilleri. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi mix-xhieda ta' James Camilleri tat-12 ta' Lulju 2005 irrizulta li l-konvenut kien xtara xi injam minghand is-socjeta' attrici (fattura esebita a fol. 14) u hallas permezz ta' postdated cheque (esebit a fol. 13). Dan ic-cheque ma giex onorat u nonostante li l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas il-prezz tal-injam minnu mixtri huwa baqa' inadempjenti.

IT-Tribunal jidhirlu li t-talbiet attrici jirrizultaw soddisfacentement pruvati.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement jordna lill-konvneut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u zewg liri Maltin (Lm602.00), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------